(1) jirċievu ikel minn kuntratturi lokali u barranin u jqassmuh lill-Istituzzjonijiet tal-Karità unikament bħala karità u ghajnuna lil dawk l-aktar fil-bżonn skont Regolament tal-Kummissjoni (KE) 3149/1992;

(2) Iżommu dokumentazzjoni xierqa u jagħmluha disponibbli għall-kontrolli mill-Aġenzija għall-Pagamenti u awditjar ieħor, skont il-każ.

Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżlu mis-sit http://www.agric.gov.mt/foodaid_scheme?l=1 jew jinġabru mill-Aġenzija għall-Pagamenti, Front Office, Triq Ħal Luqa, Ħal Qormi, u jintbagħtu, fl-istess indirizz, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, id-29 ta' Jannar 2010.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati mill-Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti u l-applikanti jiġu nfurmati bil-miktub jekk l-applikazzjoni tagħhom ġietx milqugħa jew le.

It-22 ta' Jannar, 2010

(1) Receive food from local and overseas contractors and distribute same to Charitable Institutions solely as charity and assistance to the most deprived in line with Commission Regulation 3149/1992;

(2) Maintain proper documentation and make them available for the controls by the Paying Agency and Audits as may be the case.

Applications can be downloaded from http://www.agric.gov.mt/foodaid_scheme?l=1 or an application form requested from the Paying Agency, Front Office, Luqa Road, Qormi. Applications are to be submitted at the same address, by not later than Friday, 29th January, 2010.

Applications received shall be evaluated by the Head Paying Agency and applicants shall be informed in writing whether their application has been accepted or otherwise in due course.

22nd January, 2010

**Nru. 77**

**SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont is-sub-artiklu (1) tal-artiklu 49 u l-Artiklu 50 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-persuni msemmija hawn taħt ġew appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:

| *Lokalità tal-Kunsill Lokali* | *Deputat Segretarju* |
|---|---|
| Tas-Sliema | Althea Borg |
| Ħaż-Żabbar | Isabella Testaferrata de Noto |

It-18 ta' Jannar, 2010

**No. 77**

**LOCAL COUNCILS SECRETARIES**

IT is hereby notified for general information that in terms of sub-section (1) of section 49 and section 50 of the Local Councils Act (Cap. 363) the following persons have been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council:

| *Local Council Locality* | *Deputy Secretary* |
|---|---|
| Tas-Sliema | Althea Borg |
| Ħaż-Żabbar | Isabella Testaferrata de Noto |

18th January, 2010

**Nru. 78**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali**
**Avviż skont Sezzjoni 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)**

L-APPLIKAZZJONI imsemmija hawn taħt teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-

**No. 78**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Application that Requires an Environmental Impact Assessment**
**Notice in accordance with Section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)**

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies

applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu nklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa mhux aktar tard mit-12 ta' Frar 2010. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-cons. Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt

L-Għadira, limiti tal-Mellieħa GF 0063/06

Proposti għat-titjib tat-triq eżistenti jew bini ta' triq ġdida minn node NA3 u NA4 tan-network TEN-T (PA 0330/09; PA 0331/09; PA 0332/09; PA 1023/09).

Is-Sur Joe Fenech Conti, għall-Awtorità għat-Trasport f'Malta

It-22 ta' Jannar, 2010

**Nru. 79**

**ATT DWAR IL-KWARANTINA TAL-PJANTI (KAP. 433)**

**Reġistrazzjoni ta' Pjanti tat-Tadam għall-Kontroll tal-Baħrija tat-Tadam (*Tuta absoluta*)**

B'RIFERENZA għall-Artikolu 32 tal-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti u għall-Artikolu 5 (1) tal-Avviż Legali Nru. 26 tal-2010 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' *Tuta absoluta*), id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jiddikjara illi:

Kull min ikabbar it-tadam (professjonalment jew b'delizzju) jew kull entità legali responsabbli minn proprjetà fejn jinżammu u/jew fejn jiġu kkultivati pjanti tat-tadam (*Lycopersicon lycopersicum* (L.)) bejn Frar u Awwissu tal-2010, huwa obbligat jirreġistra mad-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti sat-12 ta' Frar 2010.

Kull min għandu l-ħsieb li jikkultiva t-tadam bejn Settembru u Diċembru tal-2010 se jkun obbligat jirreġistra aktar 'l quddiem, hekk kif jiġi stabbilit mid-Direttur fil-Gazzetta tal-Gvern.

of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority by not later than 12th February 2010. More information can be obtained from the MEPA website: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-cons. Submissions are also received at eiamalta@mepa.org.mt

*Għadira, l/o Mellieħa GF 0063/06*

*Proposed upgrading/re-routing of the existing road from node NA3 and NA4 of the TEN-T network (PA 0330/09; PA 0331/09; PA 0332/09; PA 1023/09).*

*Mr Joe Fenech Conti obo Authority for Transport in Malta*

22nd January, 2010

**No. 79**

**PLANT QUARANTINE ACT (CAP. 433)**

**Registration of Tomato Plants for the Control of the Tomato Leafminer Moth (*Tuta absoluta*)**

WITH reference to Article 32 of the Plant Quarantine Act and Article 5 (1) of Legal Notice No. 26 of 2010 (*Tuta absoluta* (Control) Regulations), the Plant Health Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that:

Any grower (whether professional or amateur) or legal entity which is responsible for the property where tomato plants (*Lycopersicon lycopersicum* (L.)) are kept and/or cultivated anytime during February to August 2010, is obliged to register with the Plant Health Department until the 12th February, 2010.

Persons intending to cultivate tomatoes during September to December 2010 shall be obliged to register at a later stage as the Director may establish in the Government Gazette.